# IL-KATAKOMBI TA' S. VENERA

*Minn*

*Fr. Seraphin Abela O. Carm.*




Ir-Rabat (Malta) viċin il-katakombi ta' Sant' Agata jinsab katakombi ieħor imsejjaħ ta Santa Venera. Skond kif jingħad, Santa Venera, verġni franċiża, kienet ġiet Malta flimkien ma' Sant' Agata biex jaħarbu mill-persekużżjoni li kellhom fi Sqallija. F'Malta kienet toqgħod f'dan il-katakombi msemmi għaliha.

Abela (fil-ktieb tiegħu Descrizione etc.) jgħid li fi żmienu kien hemm pittura fil-katakombi ta' Santa Venera li turi lil din il-Qaddisa bil-wieqfa b'kalċi mimli bin-nar fidha. F'dan il-katakombi, sa ftit żmien ilu kien jidher l-artal fejn kienu jsiru il-funżjonijiet reliġjużi. Jinsabu wkoll numru kbir ta' qobra.

F'Malta hawn żewġ knejjes iddedikati li Santa Venera; waħda r-Rabat tal-Katidral tal-Imdina u l-oħra hija l-knisja parrokkjali ta' Santa Venera li qegħda f'idejn il-patrijiet tal-Karmnu. F'Għawdex ukoll tinsab knisja antika dedikata lil Santa Venera.

L-awturi ma jaqblux dwar il-jum tal-martirju ta' Santa Venera. Hemm min jgħid li S. Venera ħadet il-martirju fit-28 ta' Lulju tas-sena 173 wara Kristu, filwaqt lioħrajn jgħidu li l-jum kien l-14 ta' Novembru, fi ż-żmien li kien Imperatur Antoninus.

Il-knisja parrokkjali ta' Santa Venera bdiet tinbena fl-1659 u tlestiet fl-1688. Qabila kien hemm oħra aktar antika li nbnit għall-

ħabta tas-sena 1550. Fis-sena 1742 ġie mwaqqaf f'Santa Venera l-eremitagg ta' San Calogero mmexxi minn Fra Ġakkin Vivas, eremit, Naplitan. Fra Vivas miet fit-2 ta' Gunju 1749 f'Santa Venera. L-eremitagg ta' San Kalogero, magħmul minn Maltin u Sqallin, kien eremitagg fil-veru sens tal-kelma. L-eremiti ma kienux jgħixu fil-kunvent iżda fi kmamar separati minn xulxin imferxin mar-raba' ta' madwar il-knisja ta' Santa Venera, ġeneralment żewġt' ikmamar fuq xulxin, waħda isfel li kienet isservi biex isajjru u jieklu u l-oħra fuq fejn kienu jorqdu.

Il-kunvent ta' Santa Venera fl-imgħoddi kien żewġ mezzanini L-ewwel wieħed kien iservi għar-rettur li kien jieħu ħsieb il-knisja u l-ieħor kien inbena mill-Abbati Rafel Dorrell aktar tard.

Fis-sena 1912 il-knisja ta' Santa Venera ġiet mogħtija lill-Patrijiet tal-Karmnu bħala viċi-parroċċa. Saret parroċċa fis-sena 1918.


BENNY MUSCAT & SONS

(WOODWORKS) LTD.

(EST. 1945)

Manufacturers of Furniture, Joinery and Kitchen Cupboard.

QORMI ROAD — ST. VENERA (Torretta)

Tel. C. 25400

Għal Għamara ta' kull still kif ukoll xogħlijiet oħra ta' l-injam in ġenerali